# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, il-Ħamis, 24 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Nru: 198/2022**

***PKR's Construction Co. Ltd***

***vs.***

***Massimo Fenech***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar tliet talbiet imressqa minn Massimo Fenech: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1208/2017 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; (ii) sabiex titħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8)(ċ)** u **(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u (iii) sabiex jitħallsu danni skont l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>8 ta' Marzu, 2022</u>**, Massimo Fenech fisser li huwa ġie milqut b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1208/2017. Huwa jallega li dan il-mandat għandu jitneħħa għaliex fil-kawża li hemm bejn il-partijiet, ħareġ li PKR's Construction Co. Ltd ma kinitx kapaċi tiġġustifika s-somma li kellha tiġi kawtelata bil-mandat. Minbarra dan, huwa jgħid li PKR's Construction Co. Ltd ħaqqha tiġi

kkundannata tħallas penali u danni għaliex it-talba għall-ħruġ tal-mandat saret fil-vojt u b'mod fieragħ peress li l-likwidità tiegħu kellha tkun ta' garanzija biżżejjed biex il-mandat ma jintalabx;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet Massimo Fenech talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tordna għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi tnejn (2) sa tlettax (13) ta' dan ir-rikors, ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1208/17 fil-konfront tar-rikorrenti;*
>
> *2. Tikkundanna lis-soċjetà attrici tħallas penali lir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 836(8) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas id-danni sofferti mir-rikorrenti a kawża tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1208/17.*
>
> *U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha xieraq li timponi.*

4. B'digriet tagħha tat-**<u>8 ta' Marzu, 2022</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil PKR's Construction Co. Ltd, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Massimo Fenech;

5. PKR's Construction Co. Ltd ġiet notifikata fil-15 ta' Marzu, 2022 u għażlet li ma ddaħħalx tweġiba;

***Fatti***

6. B'rikors maħluf numru 662/17 imressaq fil-21 ta' Lulju, 2017 PKR's Construction Co. Ltd fetħet kawża sabiex Massimo Fenech jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' €24,352.38 jew somma oħra fil-madwar minħabba bilanċ dovut fuq xogħol ta' bini f'post fil-Mosta;

7. Din il-kawża għadha ma nqatgħetx u qiegħda fi stadju fejn il-partijiet għalqu l-provi tagħhom u l-esperti ġudizzjarji qegħdin jiktbu r-rapport finali tagħhom;

8. Fl-**<u>14 ta' Awwissu, 2017</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' PKR's Construction Co. Ltd biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Massimo Fenech, fl-ammont ta' €24,352.38;

9. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba, «*parti ta' somma akbar ta' prezz ta' xogħol ta' kostruzzjoni*»;

10. Ftit inqas minn ħames snin wara, Massimo Fenech ressaq din it-talba tal-lum biex jitneħħa l-mandat;

***Konsiderazzjonijiet***

11. L-**<u>ewwel talba</u>** ta' Massimo Fenech hija biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1208/2017;

12. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Huwa dmir ta' min qiegħed jitlob li jneħħi l-mandat, li jindika b'mod ċar taħt liema waħda minn dawn is-sitt ċirkostanzi huwa qiegħed iressaq it-talba tiegħu. Hemm fil-fatt ġurisprudenza li tgħid li r-rikors għat-tħassir tal-mandat għandu jitqies bħala null jekk kemm-il darba r-rikorrent ma jorbotx ir-raġunijiet tat-tħassir ma' waħda mill-kawżali msemmija fil-liġi (ara *inter alia* ***Marion Aquilina v. Victor Aquilina*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 2001, ***Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju, 2001 u ***Howard Stanley Kreiss v. Patrick Zrinzo*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009);

14. F'ċirkostanzi bħal dawn, «*il-qorti ma tistax minn rajha tissupplixxi rimedju f'dan il-każ fuq kawżali li r-rikorrent innifsu ma jitlobx*» (ara ***Charles De Giorgio Limited***

***v. Perit Christian Spiteri*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2003);

15. B'daqshekk però, dan ma jfissirx li biex rikors taħt l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jkun jiswa hemm bżonn li jissemmew bilfors il-kliem preċiż tad-dispożizzjoni tal-liġi. Dak li huwa meħtieġ huwa li min qiegħed jitlob it-tħassir tal-mandat kawtelatorju juri sewwa x'inhi l-kawżali jew x'inhuma l-kawżalijiet li bihom jippretendi li l-mandat għandu jitħassar (ara ***Mario Difesa et v. Joseph Fabri*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2015 u ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Awwissu, 2010);

16. Fil-każ tagħna, Massimo Fenech jgħid li l-mandat għandu jitħassar skont l-**artikolu 836(1)(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex fil-kawża 662/2017 PKR's Construction Co. Limited ma seħħilhiex tipprova l-allegazzjoni tagħha li Massimo Fenech għandu jħallasha l-bilanċ ta' €24,352.38 imsemmi fil-mandat kawtelatorju;

17. Minn dak li qiegħda tifhem il-qorti, Massimo Fenech jrid li din il-qorti tesprimi ruħha f'din il-proċedura tat-tneħħija tal-mandat dwar il-provi li ġew imressqa fil-kawża 662/2017;

18. Naturalment jista' jkun li l-ammont imsemmi fil-mandat kawtelatorju minn PKR's Construction Co. Ltd mhuwiex dovut, kif hekk qed jgħid Massimo Fenech, imma dan mhuwiex xogħol din il-qorti li tiddeċidih f'din il-proċedura iżda fil-mertu tal-kawża 662/2017. Dan hu aktar meta l-kawża fil-mertu tinsab qrib il-fażi finali tagħha;

19. Fi proċedura marbuta ma' talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju, xogħol il-qorti mhuwiex li tgħid min għandu raġun fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti. Mod ieħor, xogħol il-qorti fil-ħruġ jew fiż-żamma ta' mandat kawtelatorju huwa li tara jekk l-ammont indikat fil-mandat ta sekwestru huwiex wieħed li raġonevolment

jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni (ara ***Salvino Farrugia v. Exalco Holdings Ltd*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru,1999, ***Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005, ***Avv J.J. Vella noe v. Eden Irish Aircraft Leasing MS 204 Limited et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2012, ***Marco Bugelli v. Mark Micallef et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2018);

20. F'dan il-każ l-ammont kawtelat fil-mandat jirrifletti ċ-ċifra li PKR's Construction Co. Limited qiegħda tippretendi li hija allegatament dovuta minn Massimo Fenech. Dan l-ammont ġie wkoll maħluf skont l-**artikolu 831(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

21. Għalissa din il-qorti mhijiex f'qagħda li tista' tgħid li PKR's Construction Co. Ltd ressqet pretensjoni li mhijiex ġustifikata. Naturalment Massimo Fenech jista' ma jaqbel xejn ma' din il-pretensjoni, iżda b'daqshekk ma jfissirx li PKR's Construction Co. Ltd m'għandhiex sies legali sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha;

22. Il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ġie ppruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Huwa għal din ir-raġuni li ma jistax jingħad li s-sempliċi fatt li ġudikant ikun laqa' jew ċaħad talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju oġġettivament jiġġustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalità tiegħu, meta huwa jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu dwar l-istess dritt li kien is-suġġett tal-mandat kawtelatorju, sakemm ma jkunux jeżistu xi ċirkostanzi speċjali (ara ***Sandro Chetcuti et v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005);

23. Il-mistoqsijiet li jrid jagħmel ġudikant lilu nnifsu meta jeżamina talba għall-ħruġ jew tneħħija ta' mandat kawtelatorju huma differenti minn dawk li jrid jagħmel meta jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu;

24. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti mingħajr bl-ebda mod ma qiegħda tippronunzja ruħha dwar is-siwi tat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf, tgħid li tajjeb jew ħażin, PKR's Construction Co. Ltd uriet li hija għandha pretensjoni mad-daqqa t'għajn xi tressaq kontra Massimo Fenech. Issa jekk din il-pretensjoni hijiex mistħoqqa jew le, wieħed irid jaraha mhux f'din il-proċedura tar-revoka tal-mandat iżda waqt li jkun qiegħed jiġi diskuss il-mertu nnifsu tar-rikors maħluf, fil-kawża prinċipali li hemm bejn il-partijiet;

25. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti qiegħda tiċħad l-**ewwel talba** ta' Massimo Fenech sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1208/2017;

26. It-**tieni talba** ta' Massimo Fenech hija biex PKR's Construction Co. Ltd tiġi kkundannata tħallas penali skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

27. Il-liġi, fl-**artikolu 836(8)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għall-ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa (ara ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020, ***Rosie Lehner v. Ian Pace*** deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009 u ***Cole Foods Ltd v. Euro Imports Ltd*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003);

28. Dan meqjus, il-qorti tqis li ladarba hija sejra żżomm il-mandat kawtelatorju fis-seħħ, hija ma tarax għalfejn għandha tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha biex tikkundanna lil PKR's Construction Co. Ltd għall-ħlas tal-penali. Ingħad dwar dan l-aspett, li jekk joħroġ li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, bħalma huwa dan il-każ, din għandha tiġi meqjusa bħala raġuni tajba biżżejjed biex is-sanzjoni tal-penali ma tingħatax (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999). Wara

kollox, jibqa' dejjem fl-għażla tal-qorti jekk tikkundannax lill-eżekutant għall-ħlas tal-penali. Il-kliem tal-**artikolu 836(8)** innifsu huwa msawwar fuq il-kelma «*tista'*», liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni lill-qorti (ara ***Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awwissu, 2012, ***Vincent Merċieca v. George Galea*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2001 u ***Yorkie Clothing Industry Ltd v. Dr Lillian Calleja Cremona*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2002);

29. Sewwasew f'dan il-każ, il-qorti ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet siewja għala għandha twaħħal penali lil PKR's Construction Co. Ltd skont l-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex ma ħariġx li dan il-mandat inħareġ b'ħażen, bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn;

30. Hekk ukoll din il-qorti lanqas ma taqbel li hemm lok għat-twaħħil tal-penali skont l-**artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li ma kienx hemm dubju dwar il-likwidità ta' Massimo Fenech u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet ta' PKR's Construction Co. Ltd. Kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew (ara ***Liquigas Malta Limited v. Easygas Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Diċembru, 2020, ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Awwissu, 2017 u ***Nutar Michel Dingli et v. Joseph Sant et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu, 2008);

31. L-atti ta' dan ir-rikors ma juru xejn la dwar is-saħħa finanzjarja ta' Massimo Fenech u wisq anqas dwar il-fatt li din il-qawwa finanzjarja kienet magħrufa lil PKR's Construction Co. Ltd. Wara kollox, fl-istadju tat-talba għall-ħruġ tal-mandat PKR's Construction Co. Ltd ma kellhiex il-mezz biex tkun taf x'kienu l-assi ta'

Massimo Fenech fil-banek, billi tali informazzjoni hi ta' natura kunfidenzjali għal terzi (ara f'dan is-sens ***John Parnis England v. C & B International Ltd*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2003);

32. Żgur però s-sempliċi dikjarazzjoni ta' Massimo Fenech fir-rikors tiegħu għat-tneħħija tal-mandat mhijiex biżżejjed biex tiġi murija li s-saħħa finanzjarja tiegħu kienet tabilħaqq magħrufa (ara ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020). Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li ma jirriżultax li Massimo Fenech ressaq xi sura ta' garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' PKR's Construction Co. Ltd;

33. Jiġi b'hekk, li anke t-tieni talba biex PKR's Construction Co. Ltd tiġi kkundannata tħallas il-penali qiegħda tiġi miċħuda;

34. Il-qorti sejra issa tissokta billi tqis it-**<u>tielet u l-aħħar talba</u>** fejn qed tintalab biex hija tillikwida u tikkundanna d-danni li jridu jitħallsu skont l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minn PKR's Construction Co. Ltd minħabba l-ħruġ tal-mandat;

35. Fil-fehma tal-qorti talba bħal din ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors, marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju. Kif tajjeb ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001,

> *«ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni (illum rikors maħluf).»*

36. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

> *«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll ***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

37. Illi għalhekk, il-qorti ssib li din it-tielet talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni taħt l-**artikolu 836(9)** ma tistax tintlaqa' għaliex saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad it-talbiet kollha</u>** mressqa fir-rikors tat-8 ta' Marzu, 2022;

**<u>Tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu minn Massimo Fenech.

______________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**